**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Marzu 2020

Rikors Numru: 4/15 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat fl-24 ta' Lulju 1999, u minn dan iż-żwieġ il-kontendenti għandhom żewġ ulied minorenni D ta' 12-il sena u E ta' 11-il sena.

2. Illi l-intimat għandu problema kbira ta' djun ma' terzi persuni kaġunata mill-vizzju tal-logħob minħabba liema huwa ħalla il-familja nieqsa mill-bżonnijiet tagħha u tali sitwazzjoni rrendiet il-ħajja konjugali impossibli, u ż-żwieġ tkisser irremedjabilment, bl-intimat jispiċċa biex jallontana ruħu mid-dar matrimonjali, u jħalli lir-

rikorrenti titgħabba bil-piż kollu tat-trobbija tal-ulied minuri tal-partijiet.

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibli wkoll peress illi l-intimat irrenda ruħu ħati fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, kif ukoll minħabba f'imkopatibilita' ta' karattru.

4. Illi bejn il-partijiet fis-17 ta' Jannar 2011 ġie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni tal-assi permezz ta' liema ġiet xolta u likwidata il-komunjoni tal-akkwisti (kopja Dok A)

5. Illi hija ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali minn din il-Qorti permezz ta' digriet numru 2566/14 fl-atti tal-ittra numru 223/14 (kopja annessa Dok B)

6. Illi il-fatti hawn dikjarati ir-rikorrenti tafhom hi personalment.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti is-separazzjoni personali minħabba ħtija jew ħtijiet imputabbli lill-intimat peress illi huwa rrenda ruħu ħati fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, abbandun, kif ukoll minħabba f' inkompatibilita' ta' karattru u peress illi iż-żwieġ tkisser irremedjabilment.

2. Tordna l-kura u kustodja tal-ulied minuri tiġi fdata lill-esponenti.

3. Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti għaliha u għall-ulied minuri retta alimentarja f'dak l-ammont u taħt dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa.

4. Tordna id-dekadenza lill-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsub fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Tawtorizza lill-attriċi tibqa' tabita fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad esklużjoni tal-intimat.

6. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti il-beni dotali u parafernali tagħha.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti, id-dokumenti li ġew esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, fejn ir-rikorrenti talbet il-pronunċja tas-separazzjoni personali minħabba ħtija imputabbli lill-konvenut. Ġie mitlub ukoll li l-kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, li l-intimat iħallas il-manteniment għar-rikorrenti għaliha u għall-ulied u li jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq.tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, Inotre`, ir-rikorrenti talbet li tiġi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad esklużjoni tal-konvenut.

Illi għalkemm debitament notifikat, billi jirriżulta li l-konvenut ta ruhu b'notifikat seduta stante waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2018 (fol 32), il-konvenut baqa' ma ppreżentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi, għalhekk huwa kontumaċi skont il-liġi f' din il-kawża.

<u>Fatti:</u>

Illi jirriżulta li l-kontendenti żżewġu fl-24 ta' Lulju 1999, u illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, D u E. Iż-żwieġ sfaxxa wara li allegatament il-

konvenut, minħabba l-vizzju tal-logħob, beda jissellef il-flus mingħand terzi persuni, u fis-17 ta' Jannar 2011 ġie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni tal-assi tal-partijiet, li bih ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti, liema kuntratt jinsab esebit bħala Dok A.[1] Ir-rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi bil-kawża ta' separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 2566/14 esebit bħala Dok B.[2]

Provi:

Illi A B xehdet permezz ta' affidavit[3] fejn qalet li hi u l-konvenut iżżewġu fl-24 ta' Lulju 1999, u kellhom żewġ ulied, D u E. Snin wara saret taf li żewġha kellu l-vizzju tal-logħob u hi kienet ippruvat tgħinu kemm tista, u ħallsitlu Ewro100,000 li hija kienet irċeviet minn wirt u matul is-snin ħafritlu kemm-il darba għall-għemil tiegħu tort tal-vizzju tiegħu. Madanakollu, fil-Milied ta' 2013 kellhom ġlieda kbira peress li skopriet li kien reġa' beda jissellef il-flus biex jilgħab. Sussegwentement, fis-16 ta' Jannar 2014, il-konvenut qabad u telaq mid-dar, u wara ftit taż-żmien ried jirritorna lura d-dar iżda hija ma aċċettatux għax kien daħħalha f'inkwiet kbir, fejn kienet qed tirċievi diversi telefonati anonimini mingħand min kien issellef il-flus. Żiedet tgħid li li kieku ma kienx għall-għajnuna soċjali li tirċievi ta' Ewro 116.78 fil-ġimgħa oltre` 'c-childrens allowance' hi u t-tfal kienu jmutu bil-ġuħ, u kellha wkoll l-għajnuna tal-ġenituri tagħha. Xehdet ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha ġiet xolta permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Jannar 2011. Xehdet li preżentement it-tfal qed igħixu magħha u dejjem ħadet ħsiebhom hi, u matul dawn l-aħħar snin kien hemm ftit okkażjonijiet fejn żewġha talabha biex jarahom, żiedet tixhed li żewġha jaħdem ma' Autobuses u ma tafx kemm jaqla flus.

Ir-rikorrenti xehdet ulterjorment u esebiet għaxar payslips dwar l-impjieg tagħha ma' JF Services Limited fejn titħallas madwar Ewro 680 kull erba' ġimgħat. Spjegat li bħala social services tirċievi biss 'ic-children's allowance', iżda f'Novembru 2018 it-tifel il-kbir jagħlaq sittax-il sena b'hekk, l-allowance waqaf fir-rigward tiegħu. Minbarra hekk, xehdet li tirċievi Ewro 400 mingħand il-konvenut, u f'rendikont f'Dok MC11 turi dawk

[1] Fol 3 et seq. tal-process.

[2] Fol 10 tal-process.

[3] Fol 30 tal-process.

l-ispejjeż li hija tonfoq għat-tfal li jammontaw għal ewro 274.75 fil-ġimgħa, u jirriżultaw spejjeż oħra fl-ammont ta' Ewro 657 fix-xahar.

Ir-rikorrenti xehdet ulterjorment u kkonfermat li llum m'għadhiex taħdem għax marad missierha u sussegwentement miet u fil-frattemp mardet ommha u trid tieħu ħsiebha. Xehdet li naqsulha l-ispejjeż ta' 'kids transport', u wieħed mit-tfal waqaf mill-iskola, allura l-ischool donations naqsu minn Ewro 1200 għal Ewro 600.

Illi F G xehed permezz ta' affidavit[4] u qal li l-konvenut jiġi żewġ bintu, fl-ewwel għaxar snin taż-żwieġ kien jafu bħala raġel eżemplari, iżda wara dawk is-snin beda jisma li l-konvenut beda jissellef il-flus mingħand terzi persuni, u meta staqsieh huwa kien jiċħad, iżda sussegwentement kellu diversi okkażjonijiet fejn kellu jħallas huwa għas-self li għamel C, żewġ bintu. Spjega li hu ilu igħin lil bintu finanzjarjament għal sitt snin peress li ma taħdimx għax qed trabbi lil uliedha u minn meta C abbanduna d-dar matrimonjali fejn kien joqgħod ma' bintu, il-piż fuqu u fuq martu kompla jikber.

Illi H I xehed li r-rikorrenti tiġi bint oħtu, u xehed li xi snin ilu C żewġ ir-rikorrenti, kien talbu ħamest elef ewro, iżda huwa kien tah elf Ewro, C ma tahomlux lura u kienet tathomlu lura ir-rikorrenti minflok.

Illi Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali xehed u qal li l-konvenut tħallas l-aħħar fit-13 ta' April 2012, u kien jieħu 'unemployment benefit'. Dwar ir-rikorrenti qal li kienet tieħu l-għajnuna soċjali din waqfitilha fit-18 ta' Novembru 2016, u qed tintalab lura benefiċċju li tħallset bejn Frar 2015 u Novembru 2016 iżda hemm appell pendenti dwar dan. Xehed li r-rikorrenti qed tirċievi wkoll 'children's allowance' u tħallset l-aħħar fis-6 ta' Jannar 2017. Hu ppreżenta Dok ST1, li juri x'kienet qed tipperċepixxi r-rikorrenti f' 'children's allowance'. Ippreżenta wkoll Dok ST2 li juri l-assistenza soċjali li kienet qed tirċievi r-rikorrenti, Dok ST3 li juri l-allegat overpayment , u Dok ST4 li juri r-rati li kien jieħu l-konvenut sas-sena 2012.

Illi Emanuel Zarb in rappreżentanza ta' Zarb Coaches, xehed u qal li l-konvenut jaħdem magħhom bħala driver, u ppreżenta l-aħħar żewġ

[4] Fol 40 tal-process.

payslips tiegħu bħala Dok EZ1 EZ2, EZ3 għas-sena 2016 u Dok EZ4 sas-6 ta' Mejju 2017.

Illi Keith Cilia in rappreżentanza ta' Banif Bank xehed u qal li ma sab xejn fir-rigward tal-konvenut, filwaqt li esebixxa Dok KC1, kont miftuħ fuq ir-rikorrenti li għandu bilanċ ta' Ewro 76.69.

Illi Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Bank, xehdet u esebiet Dok AMB1 sa' AMB11 f'isem ir-rikorrenti, hemm kontijiet maħhluqin, hemm kont konġunt mal-konvenut, Dok AMB4 li għandu fih Ewro 900.50, Dok AMB5 li għandu Ewro 33.42, Dok AMB6 li għandu 502.31 u Dok AMB 7 fejn l-ammont ta' dejn huwa ta' Ewro 1604.32.

Illi Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-BOV xehdet u ppreżentat żewġ kontijiet f'isem ir-rikorrenti Dok JB1 u Dok JB2 u Dok JB 3, credit card tar-rikorrenti. Rigward il-konvenut, sabet kont wieħed Dok JBA1 li fih biss Ewro 0.02.

Illi Audrey Ghigo xehdet in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta u qalet li rigward il-konvenut sabet Dok AG1, kont li nfetaħ f'Gunju 1995 u l-bilanċ fih huwa ta' Ewro 1.78. Esebiet ukoll Dok AG2 li huwa kont konġunt li nfetah fit-23 ta' Jannar 2017 u l-bilanċ fih huwa ta' Ewro 5.95.

<u>Dwar ir-Responsabbilta Għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Illi r-rikorrenti qed issostni li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minħabba htijiet imputabbli lill-konvenut minħabba abbandun, u servizzi, kommessi mill-konvenut. Għalhekk, irid jiġi determinat, wara eżami akkurat tal-provi prodotti, lil min hija imputabbli r-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.

Illi dwar l-abbandun l-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili jistipula:

"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Illi kif ingħad fil-każ Fine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph Xuereb noe[5], fejn il-Qorti sostniet illi "biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."

F'dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[6] li jistipula:

"**Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment**."

Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet <u>Caterina Agius vs Benedict Agius</u>[7] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Illi fil-kawża fl-ismijiet <u>Elisa Thompson vs Edward Thompson</u>[8], ġie ribadit illi sabiex tiġi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Illi l-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-servizzi[9] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet <u>Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud,</u> deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat

---

[5] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961.

[6] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.

[7] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

[8] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

[9] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **servizzi**."

Illi fis-sentenza diġà iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-**inġurji jew offiżi gravi** gew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

Illi **l-eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra."

Illi fil-każ in eżami, jirriżulta li l-konvenut C B huwa kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[10]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova t-talbiet tagħha huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

Illi b'referenza għall-abbandun, kemm mid-diċitura tal-artikolu tal-liġi, ossija l-artikolu 41 tal-Kap 16 u kemm mill-ġurisprudenza kostanti, jirriżulta li l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, l-ewwel li l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba. Illi jidher li l-konvenut abbanduna lill-familja tiegħu billi ma baqax jirrisjedi ma' martu u uliedu fid-dar fejn kienu jirrisjedu. Ir-rikorrenti

[10] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; C Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta' Marzu 2001.

kkonfermat fix-xiehda taghha li l-konvenut telaq mid-dar fejn kienu joqghodu fis-16 ta' Jannar 2014, liema fatt m'huwiex bl-ebda mod kontradett.

Illi mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li l-konvenut kellu karattru litiġjuż u vjolenti li rrenda l-ħajja konjugali impossibbli, iżda mill-provi prodotti jirriżulta li huwa kellu diversi diffikultajiet bħal vizzji tal-logħob, u ma setax jieħu ħsieb familtu b'mod xieraq kif kellu l-obbligu li jagħmel, tant li r-rikorrenti kellha tirrikorri ghall-benefiċċji soċjali u għall-għajnuna tal-ġenituri tagħha, u sussegwentement kellha ssib impjieg bħala cleaner, sabiex tlaħħaq mal-ispejjeż ta' uliedha u dan peress li l-konvenut ma kienx jipprovdi s-sostenn finanzjarju meħtieġ, minħabba l-vizzju tal-logħob u d-diversi djun li kellu. Għalhekk, jirriżulta li l-konvenut ma ħax ħsieb jindukra lil familtu kemm bl-attenzjoni meħtieġa u kif ukoll b'mod finanzjarju. Minbarra hekk, ir-rikorrenti u missierha kellhom ukoll iħallsu djun li kien daħal fihom il-konvenut, kif stqarret l-attriċi fl-affidavit tagħha, u kif ġie ikkonfermat ukoll minn missier ir-rikorrenti fix-xiehda tiegħu.

Illi fil-fatt, din il-Qorti tosserva li l-verżjoni tar-rikorrenti, minbarra li ma ġietx kontradetta, fil-kontumaċja tal-konvenut, tinsab konfortata minn xiehda oħra. Jirriżulta ċar li l-konvenut ittraskura lil martu u lil uliedu, b'hekk hu ħati ta' eccessi fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant, it-tort tat-tkissir taż-żwieġ qed jiġi attribwit unikament lill-konvenut.

<u>Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.</u>

<u>L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.</u>

Illi huwa mandatorju illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

**"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:**

**(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[11];**
**(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;**
**(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;**
**(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.**"

Illi fil-kaz in eżami, ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa wara eċċessi kommessi mill-konvenut, fis-sens li huwa ma għarafx jindokra lil-martu u lil uliedu kemm finanzjarjament kif kellu d-dmir u l-obbligu li jagħmel, minhabba l-vizzju tal-loghob li waqa' fih. Inoltre` jirriżulta wkoll li kien hemm l-abbandun, peress li l-konvenut ma baqax jirrisjedi ma' martu u ulieda sa minn Jannar 2014. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati.

Illi adoperat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ġustifikata u qed issib lill-konvenut ħati ta' abbandun u eccessi fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, il-konvenut iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

<u>DWAR IL-KURA U KUSTODJA TAL-MINURI</u>

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

[11] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[12], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[13], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[14], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[15], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk hekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[16].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.**" L-artikolu

[12] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

[13] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;

[14] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956

[15] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

[16] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied**."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.**

**(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.**

**(3). Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.**

**(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.**

**(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust**."

<u>APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi dwar il-kura u l-kustodja, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-ulied tal-partijiet trabbew u ġew indukrati mill-omm bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha, meta l-

missier abbandunahom u ma baqax iħallas għall-ħtigijiet tagħhom. Illi huwa minnu li l-konvenut qed iħallas il-manteniment fil-preżent kif ordnat b'digriet ta' din il-Qorti, u li f'xi ftit okkazjonijiet talab li jara lil uliedu minn mindu telaq mid-dar u abbanduna lil familtu. Iżda, jidher ukoll li l-konvenut baqa' għaddej bil-ħajja tiegħu u bil-vizzju tal-logħob li waqa' fih, u ma kienx kapaċi jagħti l-attenzjoni meħtieġa lil uliedu, kif għandu l-obbligu li jagħmel missier ta' familja. Fil-fatt, jirriżulta mill-assjem tal-provi, preċiżament mix-xiehda tar-rikorrenti, li t-tifel il-kbir D, għalaq is-sittax-il sena f'Novembru 2018, li jfisser li jsir maġġorenni f'Novembru 2020 meta jagħlaq it-tmintax-il sena. Għalhekk, f'dan l-istadju tad-data ta' din is-sentenza, iż-żewġ ulied għadhom minorenni. Fid-dawl tal-provi prodotti, u tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ser tafda l-kura u kustodja taż-żewġ ulied D u E unikament u esklussivament f'idejn l-omm, ir-rikorrenti. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tenut kont tal-etajiet tal-ulied, li fi ftit żmien jilħqu l-eta` maġġorenni, m'hemmx lok li jkunu stabbiliti ħinijiet tal-aċċess favur il-konvenut, anke għaliex dan ma ġiex mitlub mill-konvenut. Illi meta l-ulied jilħqu l-eta' maġġorreni, jiddeċiedu huma jekk ikunux iridu jaraw u jiltaqgħu mal-missier, meta rikjest minnu stess. Ma jirriżultax bl-ebda mod, mill-provi prodotti, li qatt kien hemm ostakolu għall-aċċess.

Illi dwar il-manteniment għall-ulied, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenitur iżda huwa obbligu assolut. Dan ifisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu. Ikkunsidrat, li r-rikorrenti esebiet prospett dwar l-ispejjeż mensili ghat-trobbija tal-ulied. Għalhekk, din il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas il-manteniment għall-uliedu liema ammont dovut lir-rikorrenti għall-manteniment tal-minuri għandu jkun ta' ħames mitt Ewro fix-xahar. (Ewro 500), għaż-żewġt ulied li għandu jinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, jew introjtu li jipperċepixxi l-konvenut, kif del resto, diġa ġie ordnat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li ulied il-partijiet jibqghu jistudjaw fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm l-ulied jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in

konnessjoni mal-minuri, inkluż ‘children’s allowance’, u għajnuna oħra, għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti. Jekk l-ulied imorru jgħixu għal rashom, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

Illi b’referenza għall-manteniment mitlub da parti tar-rikrorenti għaliha personali, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta għandha l-potenzjal li taħdem u tipperċepixxi introjtu biex tgħix f’kundizzjoni ferm aħjar, kif fil-fatt irriżulta li hija għamlet hekk għal perjodu ta’ żmien meta kienet taħdem bħala cleaner. Inoltre`, ma jidhirx li għandha impendiment sabiex hija tkun tista’ taqla’ l-għixien tagħha bħal ħaddiehor. Għalhekk, it-talba tar-rikorrenti għall-manteniment tagħha mhux ser tintlaqa’. Il-Qorti pero’ tagħmilha ċara li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta’ manteniment mingħand żewġha u dan peress li hija ma kellha ebda ħtija għat-tkissir taż-żwieġ.

Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-komunjoni tal-Akkwisti.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ikkunsidrat li permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Jannar 2011, il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm viġenti bejn il-partijiet ġiet dikjarata xolta, u saret is-separazzjoni tal-beni, fejn giet xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, ladarba l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ġiet itterminata u likwidata, ser jiġu elenkati biss dawn il-punti rilevanti.

Fond matrimonjali fejn irrisjedew il-partijiet.

Illi jirriżulta mill-kuntratt supra ċitat datat 17 ta’ Jannar 2011, esebit bħala Dok A mar-rikors promotur, li l-fond fejn tirrisjedi ir-rikorrenti bl-arja tiegħu, li jġib in-numru 167, ittra B, fi Triq il-Masġar Attard, kif deskritt fil-kuntratt datat 25 ta’ Awissu 1997, ġie assenjat lir-rikorrenti A B, fejn hemm stipulat li l-assoluta proprjeta` ta’ dan il-fond ġie assenjat lir-rikorrenti. Jiġi osservat li l-indirizz tar-rikorrenti huwa indikat fid-dokumenti bankarji kollha esebiti bħala 48, Misty Blue, Msagar Street, Attard. Illi r-rikorrenti fil-provi mressqa fl-atti ta’ dan il-każ ma ppruvatx jew ma ddistingwietx jekk dan il-fond elenkat fil-kuntratt datat 17 ta’ Jannar 2011, Dok A, huwiex l-istess wieħed indikat bħala 48, Misty, Blue Msaġar Street, Attard. Jiġi nnutat li għalkemm fl-istess triq u fl-istess post, u cjoe` f’ Ħattard, iż-żewġ fondi għandhom żewġ numri differenti. Madankollu, in vista tal-fatt li l-konvenut telaq mid-dar fejn kien jirrisjedi ma’ familtu, sa’ minn Jannar 2014, ir-

rikorrenti għandha tkun awtorizzata tkompli tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni tal-konvenut.

Flus u Depożiti bankarji

Illi jirriżulta mix-xiehda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc li l-kont konġunt, esebit bħala Dok AG2, bin-numru 061-174603-050,[17] hemm il-bilanċ ta' Ewro5.95. Dan huwa kont konġunt bejn il-partijiet. Illi f'dan l-istadju, dan il-kont għandu jingħalaq.

Illi tenut kont ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet/debiti intestati f'isimhom.

Beni dotali u Parfarnali

Illi dwar beni dotali u parfernali, jirriżulta skont dak elenkat fil-kuntratt datat 17 ta' Jannar 2011, li l-beni apparteneti lill-komunjoni tal-akkwisti għandhom ikunu maqsuma skont il-listi indikati f'dak il-kuntratt. Fl-istess kuntratt, hemm indikat li kull parti tibqa' u hija proprjetarja tal-assi parfernali tagħha.[18] Mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li kien hemm beni dotali jew parafernali, u m'hemm l-ebda aċċenn jew indikazzjoni għal dan. Ladarba dawn l-oġġetti b'ebda mod ma ġew indikati jew ippruvati fil-mori tal-proċeduri, t-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma ġietx minimament ippruvata. Għaldaqstant l-istess talba qed tiġi miċħuda.

DEĊIDE

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bil-ħtija tal-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' sevizzji u abbandun.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied tal-kontendenti tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn l-omm, ir-rikorrenti.

---

[17] Fol 478 et seq tal-process.

[18] Klawsola 5 tal-kuntratt esebit bhala Dok A, a fol 5 tal-process.

3. Tilqa' limitatament t-tielet talba u tordna lill-konvenut iħallas manteniment għal uliedu minuri fis-somma ta' ħames mitt Ewro fix-xahar u dan għaż-żewġ ulied minuri, li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati ma' saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu tmintax-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi full-time, skont liema eventwalita' tavvera ruħha l-ewwel. Jekk l-ulied jagħlqu l-eta' ta' tmintax-il sena u jibqgħu jistudjaw fuq bażi 'full-time', il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm jagħlqu 23 sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita' sseħħ l-ewwel. Jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom, il-manteniment jitħallas direttament lilhom. It-talba għal manteniment lir-rikorrenti għaliha nnifisha qed tiġi miċħuda għar-raġuni spjegata aktar 'l fuq f' dan il-ġudikat.

4. Tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tawtorizża lir-rikorrenti tibqa' tabita fid-dar matrimonjali flimkien ma uliedha ad esklużjoni tal-intimat.

6. Tiċħad is-sitt talba tar-rikorrenti għar-raġuni spjegata aktar 'l fuq f' dan il-ġudikat.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.